## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D

Appell Nru. 118/2017

Seduta tat-8 ta' Jannar 2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Martin Sammut )**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 229879(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 t'April, 2008, għall-ħabta ta' 8.00pm., fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Gort, San Ġiljan:

(1) saq vettura Nru.CTY-097 b'manjiera perikoluża

(2) u aktar b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-peruna ta' Ronald Dimech skond kif iċċertifika Dr. Stephen Muscat M.D. ta' M.D.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Joseph Farrugia ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' €1,000 li għandha titħallas fi żmien sentejn ratealment bl-ewwel pagament isir dovut fl-aħħar t'April 2017.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Farrugia, ppreżentat fis-16 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil-Qorti **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement **TILLIBERAĦ** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Joseph Farrugia huma s-segwenti:

A. Apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u l-ligi applikabbli rigward tas-sejbien tal-htija tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant.
B. Piena erogata hija wahda eccessiva tenut kont tan-negligenza kontributorja tal-vittma.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Illi l-unika lanjanza ventilata mill-appellant hija diretta lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti tal-fatti tal-kaz, ghalkemm jaqbel ma' dak deciz illi s-sewqan tieghu ma kienx wiehed perikoluz u li lanqas ma jirrizultaw l-estremi mahsuba fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tan-natura tal-offiza sofferta mill-vittma Ronald Dimech.

Illi ghalkemm huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha u allura ma ghandhiex is-setgha li tirrimpjazzax

id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, madanakollu ghandu isir ezami mill-gdid tal-atti sabiex tqies jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha, kemm legalment kif ukoll fattwalment[1].

Illi allura ezaminati mill-gdid l-atti probatorji jirrizulta illi fil-5 ta' April tas-sena 2008 għall-ħabta tat-tmienja (8) ta' fil-ghaxija seħħ inċident ġewwa Triq Paceville, San Ġiljan kantuniera mal-*Avenue Restaurant* fejn persuna sfat milquta minn Taxi bin-numru ta' reġistrazzjoni CTY097 li kienet misjuq mill-appellant, hekk kif dan il-*pedestrian* intenta jaqsam it-triq. Fil-fatt mill-provi akwiziti jidher illi din it-*taxi* kienet wieqfa ftit tal-hin qabel il-vittma Dimech nizel il-bankina, izda ghal xi raguni l-appellant saq u laqat lil Dimech. Hsarat fil-vettura ma kienx hemm.

Illi l-ilment ewlieni li jqajjem l-appellant jikkonċerna l-interpretazzjoni żbaljata tal-provi mressqa fejn, fil-fehma tiegħu, fid-dawl tal-fatt illi l-prosekużjoni resqet bħala xhud dwar dak illi seħħ dakinhar tal-inċident lil parti leza biss, jisħaq illi l-verżjoni tiegħu, li hija dijatrikament opposta minn dik moghtija mill-istess parti leza, tagħmel ferm aktar sens u hija aktar verosimili. Jisħaqq ukoll illi mhuwiex minnu li hu kien qed isuq b'manjiera traskurata jew bla kont, apparti illi huwa tal-fehma illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tasal ghal konkluzjoni illi huwa xorta waħda responsabbli għal dan l-inċident, din il-responsabbilta' m'għandiex tinkombi fuqu biss peress illi l-parti leza kkontribwiet għall-inċident ukoll.

Illi kif inhu ben risaput, l-ewwel Qorti setghet legalment, fit-termini ta' dak li jipprovdu l-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, toqgħod fuq il-verżjoni ta' xhud

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

wieħed waħdu dejjem jekk emnut. Fil-każ in eżami x-xiehda tal-parti leza tinsab korroborata in parti minn dak illi xehdu l-pulizija li accedew fuq ix-xena ta' dan is-sinistru stradali kif ukoll mit-tobba li kkuraw lil vittma. Fil-fatt minn ezami tal-atti proċesswali u minn qari tas-sentenza appellata, huwa ċar illi l-ewwel Qorti abbraccjat il-verżjoni tal-parti leza peress illi kienet tal-fehma li din ix-xiehda kienet aktar verosimili, apparti l-fatt illi tgħid ukoll illi l-parti leza ma naqasx milli jixhed dawk il-fatti li setgħu jimmilitaw favur l-appellant.

Fil-verzjoni moghtija mill-parti leza, huwa jishaq illi kien fuq il-bankina fuq in-naħa tar-restorant Avenue kantuniera ma Triq il-Gort, gewwa Pacewille fejn kif ħares biex jaqsam it-triq, innota li kien hemm *taxi* misjuq mill-appellant li kienet wieqfa f'dak il-ħin, tant illi nnota li ma kellux id-dwal mixgħulin biex b'hekk assuma illi dan ma kienx ser isuq u allura ntenta jaqsam it-triq. Madankollu jgħid illi kif kien diġa wasal kwazi lejn nofs triq, din il-vettura saqet għal fuqu bil-konsegwenza illi mal-impatt huwa sofra ksur f'irkuptejh ix-xellugija, u gie sottopost għal aktar minn operazzjoni waħda. Saħaq ukoll illi l-mobilita' tiegħu marret lura minn dan l-inċident 'il quddiem. Stqarr illi l-appellant, ma kienx qed isuq b'veloċita' qawwija tant illi kif laqtu waqqaf il-karrozza u żied jgħid illi t-triq ma tantx kienet mixgħula sew allavolja kien għall-ħin tat-tmienja ta' filgħaxija meta kien diġa dalam.

Mill-banda l-oħra l-appellant jikkontendi illi hu kien għadu kif wassal klijent il-lukanda La Vallette Resort ġewwa San Ġiljan li tinsab quddiem il-lukanda Vivaldi u kien wieqaf f'salib it-toroq jistenna karrozza oħra tgħaddi. Jallega illi hekk kif reġa saq, f'salt wiehed Dimech niżel mill-bankina mingħajr ma waqaf biex iħares jekk kenux gejjien xi vetturi, biex b'hekk huwa ma setax jevita l-impatt. Jikkontendi illi Dimech intlaqat bil-parti xellugija ta' quddiem tal-vettura tiegħu u dan meta kien qed jaqsam mix-xellug għall-lemin tat-triq.

Illi meta imqabbla flimkien dawn iz-zewg verzjonijiet, li ghalkemm l-appellant jishaq illi huma dijametrikament opposti, madankollu, jirrizulta illi huma simili fl-iktar zewg fatturi determinanti u cioe' illi l-vettura misjuqa mill-appellant kienet

stazzjonarja qabel sehh l-impatt, kif ukoll illi Dimech kien qed jintenta jaqsam it-triq, triq li ghalkemm mhux imdawwla madanakollu hija wahda fejn il-vizwali ma jidhirx li kienet b'xi mod imxekkla ghall-utenti kollha tat-triq. Dan ifisser illi ghall-appellant kellu jkun evidenti dak li kien qed jigri quddiemu u cioe' illi kien hemm persuna li nizzlet il-bankina u kienet ser tsaqsam it-triq. Tant kien aljenat l-appellant illi, kif jishaq hu stess, kien ghadu kemm qed jaqla' meta laqat lil Dimech bil-*bumper* tieghu u allura kien qed isuq b'velocita rallentata fattur li kien jippermettielu jieqaf tempestivament li kieku induna bil-presenza tal-vittma. Din il-verzjoni tal-fatti ukoll ma hijiex kompatibbli mal-griehi sofferti mill-vittma u cioe' ksur fl-irkoppa x-xellugija. Li kieku huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant, l-vittma kien ikollu ġrieħi fuq irkopptu l-oħra gjaldarba hu kien miexi fid-direzzjoni opposta tat-triq meta seħħ l-impatt. Mhux biss izda gjaldarba l-impatt sehh man-naha tax-xellug tal-vettura allura jaghmel aktar sens dak li jikkontendi l-istess vittma u cioe' li kien diġa beda miexi għan-naħa l-oħra tat-triq meta ntlaqat.

Fid-dawl ta' dan kollu kif ukoll fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet l-oħra li aċċennat għalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, din il-Qorti tqies illi m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta ghamlet l-apprezzament tal-fatti. Din l-Qorti m'għandiex dubbju, bhall-Ewwel Qorti, qabilha illi li kieku l-appellant użа '*proper lookout*' huwa kien jara lill-vittma taqsam it-triq u kien jieqaf jew jirrallenta tempestivament biex b'hekk l-inċident kien jigi evitat. Fuq kollox l-elementi tal-*culpa* jistriehu fuq l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuz. Huwa biss meta l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hijiex inkriminabbli, illi l-gudikabbli jista' jigi ezenti mill-htija.

> **Gie ritenut "in subiecta materia" illi l-"pedstrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-"driver", bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea**

**imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza."[2]**

Illi sabiex sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-*pedestrian* meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta ghaddiet biex telenka liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' *pedestrian* meta inghad hekk:

**"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet**

**a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;**

**b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;**

**c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."[3]"**

Ma jidhirx fil-kaz issa taht il-lenti tal-Qorti, illi l-vittma Dimech qasam it-triq b'mod avventat jew hareg minn wara xi vettura tant illi ghall-appellant giet kkrejata din l-emergenza subitenea li ghaliha issir referenza fis-sentenza appena ccitata. Cirkostanzi kollha li ma jirrizultawx li avveraw rwiehhom f'dan il-kaz, billi jidher illi Dimech kien lahaq nizel minn fuq il-bankina wara li accerta ruhu li ma kienx hemm traffiku jostakola t-trajettorja tieghu, tant illi kien wasal kwazi sa nofs it-triq meta intlaqat mill-vettura misjuqa mill-appellant. Ghal dawn il-motivi, lanqas ma tista' tirrizulta xi kontributorjeta' minn naha tal-vittma ghall-investiment li sehh. L-

[2] Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri Deċiża nhar il-25 ta' Seettembru 2003 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[3] Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007 – App.Inf

aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravju intentat mill-appellant fejn huwa jikritika l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bhala wahda harxa, jishaq illi din kellha tiehu in konsiderazzjoni l-element tal-kontributorjeta' tal-vittma ghal dan is-sinistru. Issa ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti qieset illi l-vittma b'xi mod ikkontribwixxa ghal dan is-sinistru stradali billi huwa qasam it-triq b'mod prudenti u allura dan il-fattur ma setax jittiehed minnha in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena. Il-Qorti ghalhekk ma tarax għalfejn għandha tvarja il-piena mposta fil-konfront tal-appellant ta' multa ta' elf ewro, li fil-fehma tagħha hija waħda ekwa u hija fil-parametri tal-ligi fit-termini ta'l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37). Konsegwentement anki l-aggravju dwar il-piena ser jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur